A.L. --- tal-2026

# ATT DWAR IL-PROTEZZJONI TAL-AMBJENT

# (KAP. 549)

## Regolamenti tat-2026 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Dijossidu tat-Titanju fir-rigward ta' Emissjonijiet Industrijali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-Artikoli 54 u 55 tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent, il-Ministru responsabbli għall-ambjent, wara konsultazzjoni mal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi, għamlet dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

**Titolu.**

**L.S. 549.80.**

**1.** It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2026 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Dijossidu tat-Titanju fir-Rigward ta' Emissjonijiet Industrijali u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar Dijossidu tat-Titanju fir-rigward ta' Emissjonijiet Industrijali, hawn aktar 'il quddiem imsejħa r-"regolamenti prinċipali".

**Jemenda regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.**

**2.** Is-subregolament (1) tar-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan is-subregolamenti ġdid li ġej:

"(1) Dawn ir-regolamenti jimplimentaw parti mid-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-Emissjonijiet Industrijali (il-Prevenzjoni u l-Kontroll Integrati tat-Tniġġis) u tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/31/KE dwar ir-rimi ta' skart f'landfill kif emendata permezz tad-Direttiva 2024/1785/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' April 2024."

**Jemenda regolament 6 tar-regolamenti prinċipali.**

**3.** Is-subregolament (3) tar-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan is-subregolament ġdid li ġej:

"(3) Il-monitoraġġ għandu jitwettaq f'konformità mal-istandards CEN jew, jekk l-istandards CEN mhumiex disponibbli, l-istandards ISO, l-istandards nazzjonali jew standards internazzjonali oħra li jiżguraw il-forniment ta' data ta' kwalità xjentifika ekwivalenti, u s-sistema ta' garanzija tal-kwalità tal-laboratorju li jkun qed iwettaq il-monitoraġġ għandu jkun skont dawn."

**Iżid regolamenti ġodda 9A u 9B mar-regolamenti prinċipali.**

**4.** Immedjatament wara r-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali, għandhom jiżdiedu dawn iż-żewġ regolamenti ġodda li ġejjin:

**Penali amministrattivi.**

“**9A.** L-Awtorità tista’ alternattivament timponi penali amministrattiva skont l-Artikoli 80 u 81 tal-Att:

Iżda għall-aktar ksur serju mwettaq minn persuna ġuridika, l-ammont massimu tal-penali finanzjarja amministrattiva għandu jkun mill-anqas 3% tal-fatturat annwali tal-operatur fl-Unjoni fis-sena finanzjarja li tippreċedi s-sena li fiha tiġi imposta l-multa.”

**Kumpens.**

“**9B.** (1) Meta jkun seħħ dannu għas-saħħa tal-bniedem bħala riżultat ta’ ksur tal-miżuri nazzjonali li ġew adottati skont dawn ir-regolamenti, l-individwi affettwati għandhom id-dritt li jitolbu u jiksbu kumpens għal dak id-dannu mill-persuni fiżiċi jew ġuridiċi rilevanti.

(2) Ir-regoli u l-proċeduri nazzjonali relatati mat-talbiet għal kumpens għandhom jitfasslu u jiġu applikati b’tali mod li ma jagħmlux l-eżerċizzju tad-dritt għal kumpens għal dannu kkawżat minn ksur skont is-subregolament (1) impossibbli jew eċċessivament diffiċli.

(3) Azzjonijiet għal kumpens imsemmija fis-subregolament (1) jaqgħu bil-preskrizzjoni ta’ sentejn. Tali perjodu m’għandux jibda jiddekkorri  qabel ma l-ksur ikun waqaf u l-persuna li titlob il-kumpens tkun taf jew raġonevolment tista’ tkun mistennija li tkun taf li hija ġarrbet dannu minn ksur skont is-subregolament (1).”

DRAFT